**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.),**
**B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Jethro Camilleri**

Numru 331/2013

Illum 10 ta' Marzu 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Jethro Camilleri,** ta' erbgha u ghoxrin (24) sena, iben Michael u Josephine nee' Xerri, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar is-16 ta' April 1989, residenti fil-fond 'Brampton Place', Flat 1, Triq ta' Mulejja, Fontana, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 19089(G), akkuzat talli nhar id-9 ta' Gunju 2013 ghall-habta tas-6:00 ta' filghaxija, waqt li kien qieghed fi Triq il-Palma, Rabat, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi;

1. Ikkommetta ser ta' handbag, flus kontanti u oggetti ohra minn fuq il-persuna ta' Mary Mangion ta' 71 sena, li l-valur taghhom ma jaccedix il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha

u disghin centezmu (€232.94) u dan sar ghad-dannu ta' Mary Mangion u/jew persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi xjentement laqa' ghandu jerw xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser il-kundizzjoni tal-liberta' provizorja imposta mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) preseduta mill-Magistrat Dr. Anthony Ellul LL.D. fl-20 ta' Jannar 2009 li ma jikkomettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li kien mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Il-Qorti hija mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Jethro Camilleri u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemi imputat kif ukoll tordna s-somma ta' 5000 ewro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser ordni tal-Qorti (Probation) li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin, b'sentenza moghtija nhar it-30 ta' Mejju 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi gera bil-qawwi fit-triqat jew fil-pjazez, b'periklu li jahbat ma' xi hadd u jweggghu

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Semghet, fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2015 lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga' nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Il-Qorti kienet infurmata mill-Prosekuzzjoni li t-tieni (2) imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni.

Semghet, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2016 lill-imputat jammetti l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien ragonevoli sabiex jirrikunsidra l-istess.

Semghet, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2016 lil Dr. Nadia Vella ghall-imputat tinforma lill-Qorti, u dana b'referenza ghal dak verbalizzat aktar qabel rigward l-ammissjoni tal-imputat, illi l-ammissjoni tal-imputat kienet tirrigwarda biss l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2016 lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li t-tielet (3), ir-raba (4) u sitt (6) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat ma jirrizultawx.

Semghet, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2016 lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jissuggerixxu lill-Qorti li l-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghandha tkun dik ta' hlas ta' multa u jekk jidhrilha l-Qorti ghandha timponi ordni ta' xoghol fil-komunita' u dan ghaliex l-imputat illum huwa hieles mill-vizzju tad-droga u ghalhekk jikkwalifika ghal din it-tip ta' ordni.

Il-Qorti kellha c-cans tara s-Social Inquiry Report li kopja tieghu tinsab inserita f'dan il-process u tisma' lil Probation Officer Ivan Sultana fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2015 fejn pprezenta update ta' Social Inquiry Report. Il-Qorti nnutat it-tbatija u t-turbulanza li ghadda minnha l-imputat. Ghalkemm zghir fl-eta' ra zewg overdoses fatali ta' persuni qrib tieghu, Qassis li kien jghinu miet b'marda terminali. Minhabba dan kollu ghadda minn trawma kbira,

u qabel sab l-ghajnuna, kien sejjer fit-triq il-hazina. Qabel sab l-ghajnuna kien qieghed ikompli jitghabba b'salib akbar. Il-Qorti tinnota u tfahhar lil dawk kollha li tawh l-ghajnuna nkluz lil min provdielu x-xoghol. Is-socjeta' ghandha tghid grazzi lill-persuna li wera' fiducja fl-imputat u provdielu x-xoghol anke meta kien jaf li kellu quddiemu persuna li l-kondotta tieghu kienet mittiefsa.

**Ikkunsidrat:**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[1]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkustanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legizlatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkustanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

---

[1] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita' tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[2] dik il-Qorti qalet hekk:

> *Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

**Xoghol fil-komunita' u hlas lura:**

Din il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz l-imputat għandu jpatti għal għemilu mhux biss billi jhallas il-multa li se tkun imposta izda l-ħati jifhem kemm huwa ħazin dak li għamel u li għalih issa

[2] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

jrid ihallas lis-socjeta' li huwa offenda bir-reat tiegħu billi, jirrendi ruħu socjalment utli u jagħmel għadd twil ta' siegħat ta' xogħol lil min hu fil-bzonn mingħajr ma jithallas tiegħu; u fl-istess ħin ma jkunx ta' aktar piz fuq is-socjeta'.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni (2) u s-sitt (6) imputazzjoni, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet, u wara li rat Artikolu 261 u 284 issib lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni u tikkundanna lill-imputat hlas ta' multa ta' mitejn ewro (€200).

Il-Qorti wara li rat Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u filwaqt li b'riferenza ghal-hames (5) imputazzjoni, cioé dik li tirrigwarda ksur ta' Ordni ta' Probation, il-Qorti taghzel li ma tittrattax mal-imputat Jethro Camilleri ghar-reati li dwarhom kien sar l-Ordni ta' Probation fit-30 ta' Mejju 2013 u dan anke ghaliex il-Qorti f'sentenza ohra fil-konfront tal-imputat li qieghda tinghata wkoll illum[3], wara li rat ukoll l-Artikoli 2, 7, 11 sa' 14 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, minflok tagħti piena ta' prigunerija kontra l-imputat, meta ħadet kont ukoll tal-valur tal-oggett misruq, qiegħda tqiegħed lill-ħati taħt ordni ta' servizz fil-komunita' bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal mitt (100) siegħa f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kundizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness.

A tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara wkoll li qabel ma emanat tali ordni, hija kienet fissret lill-ħati bi kliem car u li jiftiehem, l-effetti tal-ordni ta' servizz fil-komunita' kif ukoll tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kundizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat ieħor huwa, jista' jinghata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jigu sofferti f'kaz ta' nuqqas t'adezzjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

[3] Il-**Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Jethro Camilleri** (Kaz Num. 3/2009) deciz 10 ta' Marzu 2016

Ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' servizz fil-komunita' bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, lill-Uffiċċjal tal-Probation assenjat lill-ħati kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettiq tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Il-Qorti tordna wkoll sabiex l-ufficcjal inkarigat isegwi din is-sentenza u jinforma lill-Qorti permezz ta' nota fejn ser isir is-servizz fil-komunita'.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**